FONTANA

Minuti tal-ħmistax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 9 ta` Mejju 2006 fl-4.00 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| | |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

***Financial Statements***
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-*financial statements* sabiex ikunu jistgħu jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali. Dawn ġew approvati unanimament.

**Materji oħra**
Dun George Bezzina, Kappillan tal-Fontana, bagħat korrispondenza f`isem il-Kumitat Organizattiv tal-Festi biex jara x`possibilita` hemm illi l-Kunsill bħas-snin l-imgħoddija jisponsorja xi attivitajiet b`rabta mal-festa ta` din is-sena. Is-Sindku fakkar illi l-Kunsill diġa qabel illi jagħmel attivita' kulturali nhar is-Sibt 3 ta` Ġunju flimkien mal-Kunsill tal-Kultura fejn ser iħallas Lm200 għall-kor *"The Gospel Voices"*, kif ukoll Lm100 għal FestaTfal bħas-snin l-imgħoddija. Il-Kunsill qabel unanimament illi jitlob lill-Kappillan sabiex jinforma lill-Kunsill bl-attivitajiet li ser jiġu organizzati b`rabta mal-festa sabiex il-Kunsill jiddeċiedi kif ikun jista' jgħin.
Is-Sindku staqsa jekk il-Kappillan tal-Fontana weġibx għall-ittra li kienet intbagħtet dwar xogħol ta` *printing* propost ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali u s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-ebda tweġiba għadha ma waslet. Il-Kunsill qabel illi tintbagħat *reminder* dwar dan.
Il-kuntrattur Pius Attard bagħat ittra bl-Avukat Angele Formosa mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) sabiex fi żmien erba` t`ijiem il-Kunsill iħallas is-somma ta` Lm1558.77 dwar xogħol ta` rikostruzzjoni ta` ħitan fi Triq ix-Xlendi. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi din hija kwistjoni t`uġiegħ ta` ras u nkwetanti, fil-fatt huwa tkellem kemm il-darba mas-Sindku dwar din il-kwistjoni u ġew iċċekkjati l-kontijiet kif kien miftiehem f`laqgħa preċedenti. Il-Kunsillier Apap żied jgħid illi meta l-Kunsill ddiskuta dan is-suġġett, filgħaxija stess ħarġet l-informazzjoni mill-Kunsill. Dan irriżulta peress li l-kuntrattur Pius Attard mar fil-garaxx tiegħu dakinhar stess u qallu b`dan. Importanti li nformazzzjoni simili ma toħroġx għaliex

ħsara lill-Kunsill issir. Tkun xi tkun id-deċiżjoni, l-kritika fuq il-Kunsill ser issir. Il-Kunsill qabel illi l-Avukat Chris Said iwieġeb din l-ittra għan-nom tal-Kunsill.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-organizzaturi tat-tiġrija tal-bhejjem li ssir fl-okkażjoni tal-Festa Titulari biex jgħin bħas-soltu. Il-Kunsill qabel li jgħin bħas-sena l-oħra bis-somma ta` Lm250. Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li ser ikellem lis-sur Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* biex jagħti l-i*sponsor* ta Lm200 lill-organizzaturi tat-tiġrija bħas-sena l-oħra.
*Galea Curmi Engineering Consultants* bagħtu stima ġdida tal-*belisha beacon units* peress li ħadu żball fil-kalkoli tagħhom. L-istima ġiet Lm942.47,0. Il-Kunsill qabel peress li dan kien żball ġenwin u għandhom isiru mill-kuntrattur.
TCTC bagħat kopja ta` l-avviż li jintbagħat lir-residenti. Il-Kunsill qabel illi jibgħat dan l-avviż lir-residenti u jissussidja dawn il-korsijiet tal-kompjuter.
Dwar il-ħarġa għal Sqallija diġa hemm miktuba 27 persuna.
Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa għall-anzjani f`Malta fl-1 ta` Ġunju 2006. Is-Sindku ppropona li waqt li jieħdu kafe' għandhom jiġu mistiedna tal-*Europe Direct* sabiex issirilhom taħdita. Il-Kunsill qabel.
Dwar id-D.V.D dwar il-Fontana s-Sindku ppropona li jkunu mdaħħla snajja u affarijiet oħra li jinsabu fil-lokal, eżempju ħasil tal-ħwejjeġ fl-Għajn il-Kbira, bdiewa fir-raba' saqwi, ħdim u rranġar ta` nassi tal-ħut u xbieki, ħdim ta` purtieri tal-qasab, il-forn tal-ħobż, ħdim ta' newl u bizzilla, *Fontana Cottage Industry* u ħwejjeġ oħra li wieħed jista' jiltaqa` magħhom. Il-Kunsill qabel. Dawn għandhom jiġu avviċinati mis-Sindku. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wasal iż-żmien li tiġi pubblikata ħarġa oħra ta` 'Tagħrif mill-Kunsill' fl-okkażjoni tal-Festa. Huwa għandu jipprepara l-materjal u jiġi ssettjat mis-Segretarju Eżekuttiv.
Is-Sindku nforma wkoll li saret l-applikazjoni lill-M.E.P.A. dwar ir-restawr tan-niċċa tas-Salvatur mill-Perit Ivana Farrugia kif ukoll saret laqgħa llum mal-Perit Audrey Testaferrata u l-Perit Ebejer mill-A.D.T. dwar talbiet pendenti li għandu l-Kunsill fi Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq tal-Għajn u dwar l-iskema tal-parkeġġ ikkontrollat. Dwar din l-iskema l-Perit Testaferrata nfurmat li mhux kompitu ta` l-A.D.T. F`din il-laqgħa ġiet diskussa wkoll il-proposta tas-Sur George Cassar dwar Triq Vajringa fejn qed jipproponi li tibqa` miftuħa fil-ħin ta` l-iskola sabiex ma jkunx hawn konġestjoni tat-traffiku fil-Fontana. Il-Perit Testaferrata qalet illi dan l-ilment għandu jiġi mgħoddi mill-Kunsill lis-Superintendent tal-Pulizija.
Xogħol li sar mill-ħaddiema tal-Kunsill kien it-tkomplija tal-manutenzjoni kull fejn kien hemm bżonn fosthom l-*street furniture* ta` Pjazza l-Għejjun u fuq l-Għajn ta` Bendu.
Is-Sindku qal illi għandha tintbagħat ittra lill-iżviluppaturi tal-*Fontanella Gardens* sabiex issir il-bankina mill-ġdid bil-*paving blocks* quddiem il-blokk fi żmien ħmistax il-ġurnata. Il-Kunsill qabel illi tintbagħat ittra.
Il-Kunsill qabel illi jordna erbgħin qasrija tal-ġebel mingħand Joe Muscat għall-prezz ta` Lm7 il-waħda sabiex jitpoġġew fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.45 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 28 ta` Ġunju 2006 fil-4.00 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |